Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SITT KUNSILL 2012 - 2015**

**SEDUTA NUMRU 52 – Kontinwazzjoni**

**IL-HAMIS 15 TA' JANNAR 2015 FIL-5PM FL-UFFIĊĊJU AMINISTRATTIV TAL-KUNSILL**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| JUSTIN FENECH | VICI – SINDKU |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| ALEX CHETCUTI | KUNSILLIER |
| CARMEN SAID | KUNSILLIER |

Il-Kunsillieri M. Fava, R. Rossignaud u P. Fenech kienu skuzati minhabba ragunijiet ta' mard.

**Is-Sindku qal it-talba.**

## I RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

Mill-Kunsillier A. Curmi

1. Il-Kunsillier pprezenta rapport iddettaljat tax-xoghlijiet u kjarfikazzjonijiet pendenti li ghad irridu jigu diskussi. Dan ir-rapport se jkun mehmuz ma' dawn il-Minuti bħala App. A.

Mill-Kunsillier M. Abela

1. Il-Kunsillier infurmat li wara ħafna diffikultajiet beda' x-xogħol ta' kostruzzjoni ta' Triq l-Inginier u li fi żmien qasir dan se jkun iffinalizzat. B' referenza għall-ħajt tas-sejjiegħ li hemm fl-istess triq; hija nfurmat li kelhha tahditiet mas-sidien sabiex dan jigi rrangat mill-aktar fis. Hija qed tipprova taghmel kuntatti mas-sidien dwar il-possibilita' li dawn jiffinanzjaw bankina ta'quddiemhom.

2. Rigward ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni tat-toroq pendenti minn naħa tal-kuntrattur Silas Ltd, hija nfurmat li kellha kuntatti mieghu fejn dan informa li malli jitlestew ix-xogħlijiet fi Triq il-Kosta, se jibda' x-xogħlijiet tal-Madliena.

3. Hija rreferiet għall-ħsarat li saru fi triq meta nbnew il-villel fi Triq il-Madliena. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li hija tagħmel kuntatt mal-Perit tal-Kunsill sabiex jiġi ddentifikat il-ħsarat li hemm fit-triq inkwistjoni.

4. Il-Kunsillier infurmat li l-kuntrattur beda' x-xogħlijiet fuq il-ħajt, pero' għal xi raġuni waqaf u l-istat li fih qiegħed il-ħajt bħalissa jista' jkun ta'periklu. Is- Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jikkuntattja lill-kuntrattur kkonċernat.

5. B' referenza għall-iskema li tnediet sabiex jsiru attivitajiet mill-Kunsill kif ukoll mill-Kumitat Amministrattv, hija nfurmat li din l-applikazzjoni ntbagħtet lid-Dipartiment għall-attivita' msejħa Spring Culture Fair. Madankollu d-dati magħżula għal din l-attivita' se taħbat ma' attivita' oħra kif ukoll ma' l-elezzjonijiet. Għaldaqstant, wara diskuzzjoni, ġie deċiż li d-dati l-ġodda jkunu 21 u 22 ta' Marzu 2015.

6. Rigward il-one way ta' Triq ta' l-ibrag, hija staqsiet jekk kienx hemm xi żvillupi ġodda. Is- Segretarju Eżekuttiv nforma li riċentament huwa kiteb lit-Transport Malta ghall-appuntament mal-Perit A. Testaferrata De Noto sabiex il-Kunsill iressaq l-proposti li ghaddewlu r-residenti dwar din il-materja. Huwa nforma li hekk kif jkollu appuntament se jinforma lil kulhadd biex kulhadd jkollu l-opportunita' li jattendi ghal din il-laqgha.

Il-Vici Sindku talab sabiex jigi skuzat. Il-hin kien 18.30.

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**

**IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI –ikomplu**

Mill-Kunsillier C. Said

1. Il-Kunsillier staqsiet jekk hux se jergghu jigu organizzati l-Art for All Lessons peress li diversi residenti avvicinawha dwar dan. Hija giet nfurmata li dawn se jergghu jsiru u bhalissa il-Kunsillier P. Fenech qed jahdem fuqhom.

2. Hija nfurmat wkoll li d-dawl li hemm fil-wied bejn San Gwann u s-Swieqi mhux jixghel. Ghaldaqstant is-Segretarju Ezekuttiv ha l-inkairgu li jirraporta dawn il-hsarat mal-kuntrattur.

3. B' referenza ghall-hargiet kulturali ghar-residenti li hija torganizza kull xahar, hija nfurmat li ghal din is-sena u minhabba li l-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali se tkun f' April, se torganizza biss zewg hargiet wahda fi Frar u l-ohra f'Marzu. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Hija nfurmat wkoll li se tibghat cirkulari fid-djar tar-residenti dwar din il-materja.

Mill-Kunsillier A. Chetcuti

1. Il-Kunsill gie nfurmat li huwa kellu laqgha ma' l-Ispettur T. Micallef dwar vetturi bi pjanci ta' registrazzjoni barranin. Ghal din il-laqgha kien hemm prezenti wkoll ir-resident Mr. M. Stephenson. Matul din il-laqgha; gew nfurmati li bis-sistema li tithaddem bhalissa, dawn il-vetturi ma jistghux jigu *traced* minhabba is-sistena Shengen. Huwa nforma li l-Ispettur ser ihejji rapport idettaljat dwar din il-materja u jibghatu lis-superjuri tieghu kif ukoll lill-Kunsill. Il-Kunsillier staqsa sabiex niehdu l-opinjoni ta' l-Avukat tal-Kunsill dwar din il-kwistjoni. F' din il-laqgha giet diskussa wkoll il-hinijiet tal-ftuh ta' l-Ghassa tas-Swieqi. Gie nfurmat li din l-ghassa qed tkun maqlugha wara nofs in-nhar minhabba li l-Pulizija qed jkunu ghassa ma' l-iskejjel.

2. Rigward il-possibilta' ta' clamping ta' vetturi bejn il-Kunsilli tal-vicinanza, huwa staqsa kemm tista' tkun il-multa li jehlu s-sidien u jekk tezistix xi Bye-Law. Is- Segretarju Ezekuttiv ha l-inkairgu li jistaqsi dwar dan.

3. Il-Kunsillier nforma li kellu laqgha ma' l-Alberta dwar CCTV Cameras fil-bini ta' l-ghassa tal-Pulizija. Huwa nforma li sfortunatament fl-ghassa m'hemmx internet u ghalhekk hu ha l-inkairgu li jaghmel kunttatt ma' l-IT Department tal-Pulizija.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**

**IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI –ikomplu**

Mill-Kunsillier A. Chetcuti- ikompli

4. Huwa rrefera ghal xi tibdil li jista' jsir fiz-zebra crossing li hemm fil-parti t'isfel ta' Triq il-Qasam. Is-Segretarju Ezekuttiv nforma li qabel ma jsir dan it-tibdil, jkun ahjar li jsir kkomunikat fuq il-post mal-Peirt tal-Kunsill u ma' TM.

5. Il-Kunsillier informa li ricentament, hu kellu rapporti li fi Triq ta' Giakondu qed jinġabar xi skart fiz-zona. Għaldaqstant huwa personalment iltaqa' mal-kuntrattur responsabli dwar din il-problema u dan immedjatament naddaf din iz-zona.

6. Rigward il-ħinijiet ta' ġbir ta' skart domestiku mid-djar privati, il-Kunsillier issugerixxa li dan l-iskart jibda' jinġabar tard filghaxija minnflok filgħodu; dan minħabba li ħafna residenti qed joħorġu l-iskart tagħhom fit-tard jew saħansitra filgħaxijiet. B' hekk tiġi evitata l-problema li l-iskart jitħalla barra għal-tul ta' ħin u jonqos it-traffiku matul il-ġurnata. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż sabiex din il-materja, tiġi diskussa fis-Seduti li jmiss.

7. Il-Kunsillier issuġerixxa sabiex jitwaħħlu 4 Doggy Bins oħra fil-lokalita'. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dawn id-dogy bins huma diga' ordnati u dal-waqt se jaslu fil-Kunsill.

8. B' referenza għall-mizuri tat-Traffic Management fi Triq il-Qasam ( in-naha tal-Forex Ironmongery), il-Kunsillier informa li huwa kellu laqgħa mal-Perit tal-Kunsill u li l-Perit kellu jipprepara rapport iddettaljat. Ghalhekk huwa staqsa sabiex mill-aktar fis jsir kuntatt mal-Perit ghal dan ir-rapport. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li hekk kif jitlesta' dan ir-rapport, jiġi ppreżentant u diskuss f'Seduta tal-Kunsill qabel ma jsir xi tibdil. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**

**V KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

1. Is- Segretarju Eżekuttiv nforma li wara talba li saret mir-resident ta' Triq Wied Mejxu, huwa kiteb lit-Transport Malta sabiex jekk hu possibli tigi installata traffic calmer f' din l-istess triq minkejja li din it-triq ma tinfidx u mhix twila. Ghaldaqstant huwa ppreżenta l-approvazzjoni ta' Transport Malta u informa lill-Kunsill sabiex jigi deċiż jekk din it-traffic calmer ghandhiex tiġi installata. Wara diskuzzjoni fit-tul, ġie deċiż li din m' għandhiex tiġi installata peress li din it-triq jidħlu fiha biss residenti u ma tinfidx u għalhekk kull sewwieq għandu jkun responsabli li ma jsuqx b' velocita' f' triq daqstant qasira.

2. Huwa rrefera għall-qagħda finanzjarja li jinsab fiha l-Kunsill bħalissa u hekk kif jingħalqu l-kotba għas-sena finanzjarja 2014. Waqt laqgħa li huwa kellu ma' l-Accountant tal-Kunsill, huwa ġie nfurmat li l-Kunsill m'għandux fondi biżżejjed sabiex jiffinanzja l-kostruzzjoni tat-Triq il-Marbat minħabba spejjeż involuti oħra fosthom l-ispiża tal-Qorti li intilfet (€45,000,00), it-total tal-fond tal-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena, il-pagamenti pendenti ghas-sena 2014 u retention money u kontijiet pendenti tal-Kuntrattur li għamel Triq il-Qasam. Ghaldasqtant huwa ssugerixxa biex ix-xoghlijiet ma ibdewx qabel ma l-Kunsill jkollu stampa cara tal-qaghda finanzja kif se tispicca is-sena finanzjarja 2014 u dan sabiex jigi evitat kull possibilta' li l-Kunsill jispicca f' defecit fit- 2015 li tmur kontra kull regolament tal-Kunsill. Jekk kemm-il darba, il-Kunsill jispicca f'defecit, allura jigu imposti regoli dwar infiq li jsir mill-Kunsill.

   Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li sabiex issir Triq il-Marbat, l-ispiża totali hija ta' €99,000,00 li tithallas nofs malli jitlestew ix-xoghlijiet u l-bqija s-sena ta' wara u għalhekk jekk kemm-il darba dawn ix-xogħlijiet jsiru, il-Kunsill jispiċċa f' defecit.

   Is- Sindku saħaq li huwa ta' l-opinjoni li din it-triq issir akkost ta' kollox peress li hija waħda mill-aktar toroq li tinstab fi stat diżastruż u li mhux ġust li residenti jkomplu jsoffru minn din l-inkonvenjenza minħabba l-kawża tal-Qorti li tilef il-Kunsill. Huwa ssostna li se jagħmel minn kollox biex jakkwista għajnuna finanzjajrja minn kull skema sabiex il-Kunsill ma jispiccax f' defecit; fil-fatt huwa personalment ġa kiteb lill-Onor. J. Mizzi dwar din il-materja peress li din it-triq jgħaddu minnha diversi sewwieqa oħra biex jkun jistgħu jmorru lejn Paceville u peress li qiegħda tmiss eżatt ma' triq arterjali u hija wiehed mill-ftit aceesi ghal-lokalita'. Is- Sindku informa li hu se jibqa' jaghmel pressjoni mal-Kuntrattur sabiex dan jfittex jibda' u jlesti x-xoghlijiet msemmija f' din it-triq. Huwa sahaq wkoll li jekk il-Kunsill jirregistra defecit, allura din tigi tissejjah positive defecit. Is-Segretarju Ezekuttiv nforma li l-ligijiet tal-kunsill ma jippermettux din il-procedura.

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**

## V KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

Il-Kunsillier A. Chetcuti rrimarka li l-Kunsill għandu jżomm f' moħħu li fix-xhur li ġejjin se jkun hemm l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali u għalhekk ma jkunx tajjeb li l-Kunsill li jmiss elett jibda' b' defecit. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li jekk kemm-il darba jiġri dan, il-Kunsill jista' jitlef iċ-ċans li jibbenefika għall-iskemi li jiġu provduti matul is-sena mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u li l-Kunsill irrid dejjem ikollu disponibli 10% ta' l-allokazzjoni fil-bilanc tal-banek.

Għaldaqstant, il-Kunsiller A. Chetcuti ssugerixxa sabiex jekk hu possibli u jekk kemm-il darba il-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena jaqbel, il-fondi allokatai ta' dan il-Kumitat ma jintużawx, sakemm il-Kunsill jerġa' jiġi f'qagħda finanzjarja aħjar. Il-Kunsillier M. Abela li hija wkoll ic-Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena, infurmat li fis-Seduta li jmiss tal-Kumitat tinforma lill-membri l-oħra b' din il-porposta. Is-Segretraju Ezekuttiv nforma li  din il-mizura ma tistax issir peress li dawk il-fondi huma allokati biss ghall-hamlet tal-Madliena.

Wara diskuzzjoni fit-tul; is-Sindku staqsa  sabiex mill-aktar fis issir laqgħa mad-Direttur għall-Gvern Loakli. Is- Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jifissa dan l-appuntament.

3. B' referenza għan-notch li jitilgħu l-iskrivani fil-bidu t' kull sena, is-Segretarju Eżekuttiv issuġerixxa sabiex dawn jitilgħu notch li jmiss. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

4. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li rċieva korrispondenza mill-kumpanija TCTC fejn dawn infurmaw li għal darb oħra jixtieq jagħmlu korsijiet tal-kompjuter. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż  li mit-10 Euro ta` kull persuna li se jiġbor TCTC, 2 Euro għanda tibqa għand il-Kunsill u dan biex dawn il-fondi jaghmlu tajjeb għall-utilities u manutenzjoni tal-post. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Din il-laqgħa spiċċat fit-8.35pm u sar aġġornament għal
nhar it-Tnejn 16 ta' Frar 2015 fil-5pm.

HUGH ZAMMIT
SEGRETARJU EŻEKUTTIV

NOEL MUSCAT
SINDKU